MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 22/2007

**Carmel Schembri**

**vs**

**Raymond Cassar**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta’ Gunju, 2007, l-Arbitru fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**Illi l-esponent gie nominat arbitru in konnessjoni ma’ l-incident tat-traffiku li gara fil-25 ta' Ottubru 2005 gewwa Hal Qormi bejn il-vetturi EBY 486 u GAG 162.
>
> Illi Carmel Schembri qieghed jitlob l-ammont ta' Lm587.40.

Illi l-intimat ipprezenta kontro-talba fejn talab li jigu likwidati d-danni li soffra hu minhabba l-incident in kwistjoni.

Illi l-kontro-talba saret kontra Carmel Schembri li huwa sid il-vettura u mhux is-sewwieq. Carmel Schembri irrisponda li l-kontro-talba hi nulla.

Konsiderazzjonijiet tal-esponent:

Illi skond ir-rapport tal-wardens Nancy Schembri qalet:

"kont tiela Qormi Road fuq ix-xellug lejn ta' Sliema -waqaft biex naghti d-dritta lil vettura li kienet gejja minn mar-roundabout - giet ix-xarabank u minghajr ma waqaf dahal fuqi u kaxkarli il-gemb kollu. X’ hin nizel mill-vettura is-sewwieq beda jidghaj u jghajjat".

Skond l-istess rapport Schembri kellha hsara fil-front bumper, rear bumper, mudguard, doors, mirror fil-waqt li Cassar kellu hsara fil-front bumper, door u panel.

Illi skond l-istess rapport Cassar qal:

"kont f’ Qormi Road - wieqaf fuq il-give way - qed naghti id-dritta lil vetturi gejjin minn mar roundabout - f’ daqqa wahda smajt habta mal-gemb tat-truck u sibt il-vettura GAG 162 go fija".

Meta xehdet Nancy Schembri qalet li hi kienet bdiet tnaqqas biex tieqaf, tal-Linja kienet warajha, tal-Linja qabzet il-vettura taghha minn naha tal-lemin, rassha mal-hajt u kaxkara mill-bumper ta’ wara l-quddiem. Maria Cini li kienet ma' Schembri kkonfermat li tal-Linja gie minn wara.

Raymond Cassar xehed li kien wieqaf jistenna t-traffiku mar-roundabout fuq ix-xellug tieghu bdew jghaddu vetturi li riedu imorru fid-direzzjoni ta' tas-

> Sliema. F'daqqa sema' xi hadd jitkaxkar mat-truck. Sakemm gie il-warden il-vetturi baqghu kif kienu. Cassar qal :
>
> "gejt fuq il-give way biex naqbad ir-roundabout. Waqaft sobtu".
>
> Illi mill-iskizz jirrizulta li Cassar ma waqafx fejn l-give way sign izda iktar il-fuq. Cassar ikkonferma li halla x-xarabank fejn kienet sakemm gie il-warden. Cassar kellu d-dover li jsuq b'mod prudenti fejn il-give way sign u jekk kien hemm vetturi fuq ir-roundabout jistenna hemm u mhux fejn spicca wara l-incident.
>
> Cassar jghid li kien wieqaf fejn il-give way sign. Dan ifisser li qabel l-incident saq il-quddiem. Anki meta tkellem lil Warden Cassar qal li kien wieqaf fuq il-give way sign. Illi l-versjoni ta' Cassar mhux kredibli ghaliex fil-waqt li jsostni li kien wieqaf fuq il-give way sign jghid ukoll li l-vetturi baqghu fejn kienu sakemm gie il-warden. Dan ifisser li jew ma kienx wieqaf fuq il-give way sign jew li saq wara li gie fejn il-give way sign. Illi l-versjoni ta' Schembri giet konfermata mix-xhieda ta' Cini.
>
> Il-fatt li Schembri kellha hsara fuq wara tal-vettura taghha ifisser li hi kienet diga fejn gara I-incident meta gie x-xarabank minn wara. (ara r-rapport tal-warden minn fejn jirrizulta li l-vettura ta' Schembri kellha hsara fil-"rear bumper".)
>
> Ghalhekk u ghal ragunijiet fuq imsemmija l-arbitru jichad il-kontro-talba, jikkonkludi li Cassar kien unikament risponsabbli ghal incident u jiddikjara li Raymond Cassar ghandu ihallas l-ammont ta' Lm587.40 lil Carmel Schembri bhala danni bl-ispejjes."

L-ilment ta' Raymond Cassar li fuqu sar l-appell hu minnu koncepit fis-sens illi l-Arbitru ghamel apprezzament hazin

tal-provi meta ddecieda illi ghall-kollizjoni ghandu jirrispondi hu;

Issa l-appellanti jippremetti ghal dan l-aggravju illi l-appell tieghu qed jigi prospettat fil-parametri ta' l-Artikolu 70A ta' l-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387). Presuppost specifiku ghall-aditu u ammissibilita` ta' l-appell skond dan l-artikolu hu dak li l-gravam sottopost irid jkun artikolat "fuq punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali" (subinciz 1). Il-kontroll ta' l-ezistenza o meno ta' dan il-punt ta' ligi u tal-portata tieghu fuq id-dritt sostanzjali ta' xi wiehed mill-partijiet fl-Arbitragg hu rizervat mil-ligi lil din il-Qorti skond is-subinciz (3) ta' l-istess artikolu. *Inter alia*, li tivverifika wkoll jekk fuq il-bazi ta' dak li jirrizulta mill-fatti fid-decizjoni, id-decizjoni dwar il-punt ta' ligi hijiex *prima facie* miftuha ghal dubbju serju. Naturalment, mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidentifika l-punt ta' ligi li ghandha tittiehed decizjoni dwaru, ghaliex, *ope legis* dan l-oneru hu impost fuq l-appellanti. Mhux dan biss pero`. Jinkombi fuqu wkoll li jispecifika t-tifsira li hu jallega li ghandha tkun it-tifsira korretta tal-punt ta' ligi minnu identifikat. Ara Artikolu 70B (1) ta' l-Att;

Affermati dawn il-proposizzjonijiet li jingibdu mill-vot tal-ligi in mertu ghall-appell minn decizjonijiet ta' l-Arbitragg, tibqa' dejjem il-kwestjoni jekk fil-kaz prezenti jirrikorrux l-elementi bazici li jipprecizaw l-Artikoli 70A u 70B ta' l-Att;

Hu mill-ewwel car hafna mill-ezami tal-kontenut ta' l-appell illi l-appellanti ma ddeduca ebda aggravju li jidentifika l-punt ta' ligi ghall-epurazzjoni u decizjoni dwaru minn din il-Qorti. Lanqas ma jirrizulta li l-appellanti ppostula xi allegazzjoni esplicita` ta' applikazzjoni errata mill-Arbitru tal-kanoni tad-dritt ghall-elementi ta' fatt accertati. Huwa, invece, illimita ruhu b' mod esklussiv ghall-kritika tal-valutazzjoni tal-fatti relattivi ghad-dinamika ta' l-incident. Dan fuq il-bazi ta' l-assunt illi d-daqqiet subiti fil-vettura tieghu ma kienux fil-konkret jikkorrispondi ghal dawk dettaljati mill-*warden* li investiga l-incident. Hu ovvju minn din l-impostazzjoni illi l-appellanti ma indirizzax ruhu fuq

ebda “punt ta’ ligi li jitnissel mid-decizjoni” imma mera denunzja ta’ l-apprezzament tal-fatti;

Oggettivament, imbaghad, l-ebda punt ta’ ligi ma jista’ jigi dedott *ex groemio* d-decizjoni appellata. Ezami akkurat ta’ din id-decizjoni turi li l-Arbitru, tajjeb jew hazin, ghamel gudizzju biex japprezza x’ kienu l-elementi fattwali illi wassluh ghall-konvinciment li l-appellanti kellu jitqies fi htija ghall-kollizjoni. Materja din essenzjalment wahda ta’ fatt u li fiha nnifisha ma kienet, lanqas remotament, timporta punt ta’ ligi;

Kif gja rilevat drabi ohra minn din il-Qorti, il-valutazzjoni tal-fatti u tal-provi, istituzzjonalment rimessa lill-Arbitru, mhix censurabbli f’ dan is-sede jekk jinstab, kif hekk inhu l-kaz hawnhekk, li l-appell ma jqanqal ebda punt ta’ ligi u jkun stabbilit li l-Arbitru ma vvjola ebda regoli ta’ dritt fir-rigward ta’ l-elementi ta’ fatt accertati. Ara a propozitu fost ohrajn is-sentenzi fl-ismijiet “**Joseph Gauci -vs- Carmelo Borg**”, 17 ta’ Ottubru, 2007 u “**Martin Borg -vs- Neville Schembri**”, 3 ta’ Ottubru 2007. Jikkonsegwi illi fejn il-Qorti ma ssibx li jezisti tali punt ta’ ligi ma jkunx hemm lok li jigu ri-ezaminati kwestjonijiet ta’ fatt billi fuq apprezzament tal-fatti d-decizjoni ta’ l-Arbitru hi insindakabbli. Ara “**Emmanuel Barbara -vs- Wilfred Podesta *nomine***, Appell Civili, 28 ta’ Gunju, 1957. Biex ikun xort’ ohra u jigu ri-ezaminati dawk il-fatti ghad-definizzjoni ta’ l-appell irid l-ewwel jippre-ezisti l-punt ta’ ligi, li hawnhekk, jekk hemm bzonn jigi ripetut, ma huwiex il-kaz. Ara f’ sens konformi s-sentenza fl-ismijiet “**Paul Gauci -vs- Emmanuele Grech**”, Appell, 30 ta’ Novembru, 1953;

La dan hu hekk il-kaz, din il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt imma d-dover li tiddikjara *ex officio* l-inappellabilita` tad-decizjoni. Dan hu principju ta’ ordni pubbliku in kwantu l-Qorti ma tistax tassumi gurisdizzjoni li ma ghandhiex. Fuq dan, il-gurisprudenza taghna hi wahda pacifika, kif jikkonfermaw is-sentenzi fl-ismijiet “ **Joseph Degiorgio -vs- Victor Felice**”, Appell, 3 ta’ Marzu 1947 u

“**Gio Andrea Psaila -vs- Emidio Mamo**”, Appell, 16 ta’ Mejju 1966;

Ferma din il-konkluzjoni, il-pretensjoni ta’ l-appellanti ghar-revoka tas-sentenza ta’ l-Arbitru ma tistax, ghar-raguni ta’ l-inappellabilita` ta’ l-istess decizjoni b’ dak l-assunt tieghu tar-rivalutazzjoni tal-provi, tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tiddikjara l-appell sottomess bhala irritu u null u bhala tali tirrespingih, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------